MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 1806/1997/1

**Avviz numru 1806/97DM**

**Poseidon Pools International Limited**

**Vs**

**Dr Mark Vella Bardon**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) rappresentanti bilanc dovut wara xoghol ta' kostruzzjoni ta' 'swimming pool'.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Settembru, 1996, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 L-azzjoni attrici hija preskritta sija a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili u sija skond l-artikolu 2149 (a) ta' l-istess Kodici;
2 Bla pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-azzjoni kellha wkoll tigi diretta kontra mart l-eccipjent, li fil-konfront taghha, l-azzjoni odjerna tinsab ukoll preskritta a tenur ta' l-istess artikoli fuq citati;
3 Ukoll bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-appalt in kwistjoni ma giex ezegwit skond is-sengha u l-arti.

Rat is-sentenza taghha ta' l-20 ta' Settembru, 1998 fejn irrespingiet l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat id-digriet tal-20 ta' Novembru, 1998 fejn innominat lill-AIC Joseph Mizzi bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni tal-AIC Joseph Mizzi pprezentata fid-29 ta' Ottubru, 2004;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, li l-azzjoni kellha tkun diretta ukoll kontra mart l-eccipjent, il-Qorti tikkonstata li mhux biss ma giex indikat fil-kuntratt tat-30 ta' Settembru, 1991 illi l-konvenut kien mizzewweg u jew li kien qieghed jagixxi f' isem il-komunjonita' ta' l-akkwisti li setghet kienet tezisti bejnu u bejn martu, izda lanqas matul dawn il-proceduri ma ngiebet xi prova li tindika l-istat civili ta' l-istess konvenut

jew li l-proprjeta’ fejn kellhom isiru x-xogholijiet kienet tifforma parti minn xi komunjoni ta’ akkwisti li setghet kienet ezistenti.

Ghaldaqstant tirrespingi  it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, il-Perit Tekniku, wara li semgha l-provi prodotti u ha konjizzjoni ta’ l-ilmenti tal-konvenut u s-sottomissjonijiet teknici tal-kontendenti, wasal ghall-konkluzzjoni illi effettivament, meta l-atturi kienu lestew ix-xoghol kif stipulat fil-kuntratt li kellhom mal-konvenut, kienu avveraw ruhhom xi nuqqasijiet u kienu gew anke riskontrati xi nuqqasijiet zghar ta’ xi apparat illi ta’ dawn kellu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.  L-istess Perit ikkonkluda illi ghalhekk il-konvenut, li kien ikkompleta is-‘swimming pool’ ghas-sodisfazzjon tieghu u a spejjez tieghu, ghandu jigi kkompensat ta’ dawk l-ispejjez li zborza fl-interess tal-kumpannija attrici.

Ghalhekk il-perit tekniku ghamel stima fis-somma ta’ mitt lira Maltin (LM100) biex tghamel tajjeb ghal dak kollhu li l-konvenut jista’ jkollu bzonn li jonfoq biex jista’ jelimina kull difett illi jista’ jirriskontra fl-istess swimming pool u wara li jghaqqad ma din l-istima somma ulterjuri ta’ mija u hamsa u sittin liri Maltin (LM165)  biex tkopri dawk l-ispejjez kollha illi l-konvenut digia’ lahaq ghamel biex irrimedja in-nuqqasijiet, stabbilixxa illi  s-somma globali ta’ mitejn u hamsa u sittin lira Maltin (LM265) ghandha tigi akkreditata lill-konvenut u ghalhekk ghandha titnaqqas mill-ammont mitlub mill-kumpannija attrici. Ghalhekk sewwa ikkonkluda li l-atturi huma ntitolati biss li jithallsu mill-konvenut is-somma ta’ mitejn u hamsa u tletin lira (LM235).

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tadotta u taghmel taghha il-konkluzzjonijiet peritali qeghdha tikkonferma illi ghal xi nuqqasijiet illi gew riskontrati fix-xogholijiet esegwiti mill-kumpannija attrici u fl-apparat minnhom fornit, il-konvenut ghandu jigi akkreditat bis-somma ta’ mitejn u hamsa u sittin lira (LM265).

Konsegwentement tilqa’ t-talba attrici, limitatament biss ghas-somma ta’ mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (LM235) u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma ta’ mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (LM235) lill-kumpannija attrici.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs kull wiehed bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------